12 ta' Marzu, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giuseppa Scerri Gauci *versus* Dr. Giovanni Scicluna, LL.D. ne.

**Paternità Naturali — Taxxa tas-Suċċessjoni — Art. 6 u 11 tal-Kap. 170 tal-Liġijiet ta' Malta.**

*Taxxa tas-suċċessjoni li ġiet imħallsa regolarment u skond il-liġi ma tiġix imħallsa lura, jew annullata, jiġri x'jiġri wara, ħlief fil-każijiet imsemmijin fil-liġi.*

*Sentenza tal-Qorti li tiddikjara li wieħed huwa tifel illeġittimu tad-decujus ma hix event sopravvenjent għall-mewt tad-decujus, u lanqas għal-likwidazzjoni u l-ħlas tat-taxxa; għax l-istat ta' iben illeġittimu ma nħoloqx b'dik is-sentenza, imma kien ilu jissussisti sa minn meta twieled dak it-tifel, u s-sentenza ma għamlet xejn oħra ħlief irrikonoxxiet u ddikjarat stat ta' paternità naturali li kien ilu jeżisti mit-twelid ta' dak it-tifel, u għalhekk ma ħolqot ebda event ġdid li "ġara wara l-mewt tad-decujus".*

*Għaldaqstant, meta iben illeġittimu jħallas it-taxxa tas-suċċessjoni fuq il-wirt ta' missieru bir-rata imponibbli bejn il-barranin, għax sa dak in-nhar kien għadu mhux dikjarat iben illeġittimu tad-decujus, huwa għandu d-dritt li jitlob rifużjoni tat-taxxa li ħallas żejda jekk wara huwa jiġi dikjarat b'sentenza bħala iben naturali tad-decujus. U dik ir-rifużjoni ma tistax tiġi lilu miċħuda; preċiżament għaliex dik is-sentenza ma ħolqot ebda event ġdid, u għaliex dik it-taxxa kienet ġiet kalkolata kontra l-liġi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa twieled fit-28 ta' Mejju 1931, u fl-att relativ għat-twelid tiegħu fir-Reġistru Publiku (dok. A) huwa jidher bħala t-tifel tal-konvenut Emmanuele Piscopo; u illi fil-fatt missier l-attur huwa Felice Scerri, karrettunar, bin Beneditt, li kien mejjet meta twieled l-instanti, mitwieled l-istess Felice Scerri fl-1887 Ħal Tarxien fejn kien joqgħod, il-lum mejjet, ma' min l-instanti dejjem għex bħala ibnu kif kulħadd jafu; u illi l-instanti għandu interess u jrid li jirriżulta l-istat reali tiegħu, jiġifieri dak ta' tifel ta' l-imsemmi mejjet Felice Scerri, fost affarijiet oħra biex ir-rata li huwa għandu

jħallas fuq l-assi mħolli favur tiegħu mill-imsemmi Felice Scerri skond it-testment ta' dan tat-13 ta' Lulju, 1946, fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella, skond il-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, tkun dik li tirregola l-persuni fil-linja diretta dixxendentali, u mhux dik beju barranin kif assenjata mill-konvenut Professur Dottor Vincenzo Gatt nomine; talab li jiġi dikjarat illi huwa mhux it-tifel tal-konvenut Emmanuele Piscopo, iżda ta' Felice Scerri l-lum mejjet; u illi għalhekk jiġi ordnat it-tibdil meħtieġ fl-att tat-twelid relativ għall-instanti, li jġib in-numru progressiv 3845 tas-sena 1931, billi dwar it-tagħrif fuq missier it-tarbija (1) fil-kolonna dwar l-isem u l-kunjom "Emmanuele Piscopo" jiġi sostitwit b'dawk ta' "Felice Scerri", (2) fil-kolonna "professjoni jew sengħa jew stat ieħor" il-kelma "lavorante" tiġi mibdula f'dik ta' karrettunar", (3) fil-kolonna ta' l-età n-numru "31" jiġi mibdul fi "13", (4) u fil-kolonna ta' l-isem u kunjom tal-missier u jekk hux ħaj jew mejjet il-kliem "Felice vivo" jiġu mibdula f'dawk ta' "Benedetto mejjet"; u (5) billi dwar it-tagħrif ta' l-omm fil-kolonna ta' l-isem u l-kunjom il-kliem "Maria Anna moglie del detto Emmanuele Piscopo" jiġu sostitwiti b'dawk "Marianna mart Emmanuele Piscopo"; u li konsegwentement jiġi dikjarat u ordnat illi t-taxxa li għandu jħallas l-instanti fuq is-suċċessjoni tal-fuq imsemmi Felice Scerri, kif assessjata mill-konvenut Professur Dottor Gatt nomine, fl-ammont ta' £404. 9. 4, hija żbaljata, u għandha tiġi korretta billi tkun bażata fuq ir-rata stabbilita mill-liġi għal persuna fil-linja retta dixxendentali ta' l-istess mejjet. Bl-ispejjeż skond il-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1950, li biha, fil-kontumaċja ta' Emmanuele Piscopo, ġie deċiż adeżivament għad-dikjarazzjonijiet u għat-talbiet miġjubin mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni; salv l-obligu tar-Reġistratur għall-kap tar-Reġistru Publiku fit-termini ta' l-art. 293 (1) tal-Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta; u ġie ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi f'din il-kawża u minn dawk li għalihom saret riferenza jirriżulta b'mod soddisfaċenti illi l-attur, li twieled fit-28 ta' Mejju 1931, huwa t-tifel ta' Felice Scerri, li miet fil-15 ta' Novembru 1946. Dana dam jgħix ma' Ma-

rianna Piscopo, omm l-attur. bħallikieku r-raġel tagħha, xi tletin sena, u minbarra l-attur kien hemm minn din l-unjoni żewġt itfal oħra, li twieldu qablu. Marianna Piscopo fiż-żmien ta' dana t-twelid kienet miżżewġa lill-konvenut Emmanuele Piscopo, li għadu ħaj, imma kienet fl-istess żmien, u għadha sal-lum, mifruda "de facto" minn żewġha. Naturalment, billi meta twieled l-attur, Emmanuele Piscopo kien ħaj, għad li mifrud minn martu, huwa ġie mniżżel fl-att tat-twelid fir-Reġistru Publiku, bħala missier l-attur, ir-raġel ta' ommu (fol. 5), għad li fil-fidi tal-magħmudija huwa ġie mniżżel bħala li twieled minn missier mhux magħruf (fol. 6). Però jidher bi-ċar, speċjalment mid-dok. fil-fol. 7 u 9 tal-kawża l-oħra, u anki mill-provi f'dina l-kawża, li l-attur huwa t-tifel illeġittimu ta' Felice Scerri. Dan, mid-dokumenti fuq imsemmija, jidher li kien karrettunar, bin Benedittu, li kien mejjet meta twieled l-attur, u twieled Ħal Tarxien, fejn kien joqgħod meta miet;

Illi jidher ukoll li Felice Scerri, billi kien jaf li kien missier naturali ta' l-attur u ta' ħutu, ħalla lil kull wieħed minnhom werriet universali tiegħu f'terza parti kull wieħed, u dana b'testment......... Il-konvenut Gatt nomine ikkunsidra, kif allura kellu jikkunsidra, lil Felice Scerri bħallikieku ma kien jiġi xejn mill-attur, u hekk ikkalkola t-taxxa pagabili minn dan ta' l-aħħar bl-10%; fil-waqt li billi l-attur, kif jingħad, huwa t-tifel illeġittimu ta' Felice Scerri, u bħala tali għandu jiġi kunsidrat għall-finijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni bħala tifel leġittimu tiegħu (art. 73 (1) Kap. 70), dik it-taxxa għandha tiġi kalkolata bil-1%;

Illi l-konvenut Gatt nomine jissottometti illi d-dikjarazzjoni fuq magħmula — li l-attur huwa t-tifel illeġittimu ta' Felice Scerri — tikkostitwixxi event sussegwenti għall-mewt ta' Felice Scerri u għal-likwidazzjoni tar-relativa taxxa tas-suċċessjoni; u għalhekk ma tistax taffetta dina l-likwidazzjoni. Dina l-Qorti hija tal-fehma li huwa veru li d-dikjarazzjoni kienet u hija sussegwenti għall-mewt ta' Felice Scerri u għal-likwidazzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni, imma l-event fih innifsu ma kienx hekk sussegwenti. L-attur kien mill-bidu u minn dejjem, kif ġie pruvat, it-tifel, għad li illeġittimu, ta' Felice Scerri, u ma setax isir hekk sussegwentement għall-

mewt ta' Felice Scerri. Naturalment, il-konvenut Gatt nomine ma kellux tort meta kkalkola t-taxxa tas-suċċessjoni b'dak il-mod, għaliex allura l-attur kien għadu ma ġiex dikjarat tifel illeġittimu ta' Felice Scerri, għad li mid-dokument fil-fol. 7 tal-proċess l-ieħor jidher kważi ċar biżżejjed li Felice Scerri rrikonoxxa lill-attur bħala t-tifel tiegħu naturali; u dan għandu jinfluwixxi fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Illi huwa wkoll veru li l-konvenut Dr. Scicluna nomine ma huwiex interessat fl-ewwel domanda u t-tielet domanda, u lanqas il-konvenut Gatt nomine ma huwa nteressat fl-ewwel u t-tieni domanda; imma għall-finijiet tal-prattiċità, kif ukoll għan-nuqqas ta' spejjeż, dina l-Qorti tara li kien meħtieġ li d-domandi ta' l-att taċ-ċitazzjoni jsiru fil-mod kif saru, għad li forsi setgħu saru aħjar; salv il-kap ta' l-ispejjeż, kif sejjer jingħad;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Professur Gatt nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi riformata, fis-sens li tiġi konfermata in kwantu laqgħet l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur u in kwantu ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess attur, u tiġi revokata in kwantu laqgħet it-tielet talba relativa għall-korrezzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni, billi konsegwentement dina l-aħħar talba tiġi miċħuda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dana l-appell huwa limitat għat-tielet talba miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni u milqugħa bis-sentenza appellata. Dik it-talba hija ntiża biex jiġi dikjarat li t-taxxa li għandu iħallas l-attur fuq is-suċċessjoni ta' Felice Scerri, kif assessjata mill-appellant Professur Gatt nomine fl-ammont ta' £104. 9. 4, hija żbaljata u għandha tiġi korretta, billi tkun bażata fuq ir-rata stabbilita mill-liġi għall-persuna fil-linja dritta dixxendentali ta' l-istess mejjet;

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza appellata ġie wkoll dikjarat li l-attur appellat mhux it-tifel tal-konvenut Emmanuele Piscopo, iżda ta' Felice Scerri, il-lum mejjet, u ġew ordnati l-korrezzjonijiet opportuni u korrispondenti fl-att tat-twelid ta' l-istess at-

tur. Fuq hekk ma ġie ppreżentat ebda appell, u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet iffurmata ġudikat;

Ikkunsidrat;

Illi meta dak l-istat ta' tifel illeġittimu ta' Felice Scerri, rikonoxxut bl-imsemmija sentenza lill-attur, dana jippretenda li t-taxxa li kellu jħallas fuq is-suċċessjoni ta' l-imsemmi missieru kellha tiġi regolata skond ir-rata stabbilita mill-liġi għall-persuna fil-linja dritta dixxendentali tad-decujus. Kontra dina l-pretensjoni ta' l-attur, milqugħa mill-Ewwel Qorti, l-appellant joppona li huma ta' ostakolu d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 6 u 11 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta):

L-ewwel paragrafu ta' l-art. 6 jgħid li "it-taxxi mħallsin regolarment, jew likwidati skond dina l-Ordinanza, ma jiġux imħallsa lura jew annullati, jiġri x'jiġri wara, ħlief fil-każijiet imsemmija f'din l-Ordinanza". Il-kliem "jiġri x'jiġri wara" fit-test tal-liġi, huma miġjubin "whatever may be the subsequent events". L-ewwel pargrafu ta' l-art. 11 jistabbilixxi li "il-kreditu tal-Gvern għat-taxxi taħt dina l-Ordinanza jista' jintalab dak in-nhar li fih skond il-liġi jgħaddu lid-debitur tat-taxxa l-beni mħabba, jew bħala konsegwenza, tat-trasferiment taxxabili":

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant isostni, in bażi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati, li meta miet Felice Scerri l-paternità naturali tiegħu ma kienetx tinsab dikjarata b'sentenza, u għalhekk it-tassazzjoni minnu magħmula hija skond il-liġi, billi regolata skond l-istat li kellu l-attur fil-mument li ġiet lilu devoluta l-eredità ta' Felice Scerri, u mhux skond l-istat lilu rikonoxxut bis-sentenza posterjuri, li, kif jippretendi l-appellant, tikkostitwixxi "a subsequent event";

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza li ddikjarat lil Felice Scerri missier naturali ta' l-attur ma nħoloq ebda "event" ġdid u sussegwenti għall-mewt ta' l-istess Scerri. Ġie biss rikonoxxut u dikjarat stat ta' paternità naturali li kien ilu jissussisti minn żmien qabel dik il-mewt, u preċiżament mill-jum tat-twelid ta' l-attur appellat. U la darba dik id-dikjarazzjoni ma tammontax għal "subsequent event", skond l-ewwel paragrafu ta' l-art. 6

fuq ċitat, *din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tistax tkun ta' ostakolu* għall-korrezzjoni mitluba tat-taxxa, billi l-likwidazzjoni tagħha ma saretx skond il-liġi. Kwantu għad-dispożizzjoni l-oħra ta' l-art. 11, invokata mill-appellant nomine, lanqas tista' tkun lilu ta' ġid; għaliex l-istat ta' tifel illeġittimu ta' Felice Scerri kien jissussisti fl-attur meta nfetħet is-suċċessjoni u ġiet devoluta favur tiegħu l-eredità ta' l-istess Scerri;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati:

*Tirrespinġi fil-kap devolut lil dina l-Qorti l-appell miġjub* 'il quddiem mill-konvenut Professur Gatt nomine, u tikkonferma fl-istess kap is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-22 ta' Ġunju 1950; bl-ispejjeż kontra l-imsemmi appellant Professur Gatt nomine.